MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1580/2003

**E. Calleja and Sons Limited**

**Vs**

**Topserv Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm969.15c (disa' mija u disgha u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu) rapprezentanti bejgh ta' merkanzija w apparat debitament ikkonsenjat u servizzi pprestati in konnessjoni ma' dan.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Lorenza Farrugia, Financial Controller tas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm969.15c (disa' mija u disgha u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------